



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Jannar 2024
(OR. en)

16970/23
ADD 1
LIMITE
PV CONS 71
ENV 1526
CLIMA 664

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ambjent)
18 ta' Diċembru 2023

Affarijiet oħra

6. a) **Rapporti dwar il-laqgħat internazzjonali reċenti ewlenin**

- i) **It-28 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP 28) (Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda, 30 ta' Novembru sat-12 ta' Diċembru 2023)**

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u l-Kummissjoni.

- ii) **Il-ħames sessjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Maniġġar ta' Sustanzi Kimiċi (ICCM5) (Bonn, il-Ġermanja, 25 sat-30 ta' Settembru 2023)** 16739/23

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u l-Kummissjoni.

- iii) **Il-ħames laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 5) għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (Ġinevra, l-Iżvizzera, 30 ta' Ottubru sat-3 ta' Novembru 2023)** 16740/23

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u l-Kummissjoni.

- iv) **It-tielet sessjoni tal-Kumitat Intergovernattiv ta' Negozjar (INC-3) biex jiġi Żviluppat Strument Internazzjonali Legalment Vinkolanti dwar it-Tniġġis tal-Plastik (Nairobi, il-Kenja, 13 sad-19 ta' Novembru 2023)** 16713/23
Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u l-Kummissjoni.

- g) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mid-delegazzjoni Belġjana

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Belġju.

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 16672/23

Dwar il-punt "A"
nru 1:

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterspreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa.

Barra minn hekk, l-Ungerija tiddikjara li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "l-Istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri 2020-2025" imsemmija fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa għandha tiġi interpretata b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi nazzjonali u ċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull Stat Membru."

Dwar il-punt "A"
nru 2:

Il-Futur tal-Ewropa: proposta tal-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 48(2) TUE
Preżentazzjoni lill-Kunsill Ewropew u notifika lill-parlamenti nazzjonali

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"Il-bidu ta' reviżjoni tat-Trattati fil-kuntest ġeopolitiku attwali jdgħajjef l-unità tal-Unjoni Ewropea u jiddevja l-enerġija politika tagħna minn sfidi urġenti oħra. Fid-dawl ta' dinamika politika imprevedibbli fl-Istati Membri, l-involviment tal-UE fil-proċess diffiċli u diviżiv tal-emenda tat-Trattati jista' jwassal għal kriżi serja fl-UE. Jista' wkoll idewwem l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda, li għalihom l-UE ħadet impenji importanti fl-aħħar Kunsill Ewropew fl-14-15 ta' Diċembru 2023.

Il-Polonja tindika li l-proposti biex jiġu emendati t-Trattati ġew adottati mill-Parlament Ewropew fit-22 ta' Novembru b'maġġoranza żgħira u ma jindirizzawx il-ħtiġijiet reali tal-Unjoni Ewropea. Ir-riforma istituzzjonali radikali ma sservi la biex ittejjeb u lanqas issaħħaħ l-Unjoni, iżda tista' tintuża biex tiżra' riżentiment kontra l-UE u kontra l-Punent fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati, li huma partikolarment esposti għad-diżinformazzjoni minn pajjiżi terzi.

Ir-rwol tal-Kunsill Ewropew għandu jkun li jneħħi dan it-tħassib u jaġixxi b'mod responsabbli fid-dawl tal-isfidi attwali, b'mod partikolari l-aggressjoni li għaddejja tar-Russja kontra l-Ukrajna."